**29 ta' Jannar, 1963**

**Imhallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppa mart George Farrugia

*versus*

Joseph Fenech, et.

**Spejjeż Ġudizzjarji — Mandat ta' Elevazzjoni — Revoka ta'**

*Fil-ġudizzju ta' revoka ta' mandat ta' elevazzjoni promoss mill-proprjetarju tal-mobili elevati, meta ma jikkonstatax minn "dolo" jew "colpa" ta' esekutant, l-ispejjeż ġudizzjarji fir-rapport tiegħu għandhom jiġu sopportati mid-debitur esekutat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi wara li tippremetti illi in esekuzjoni tal-mandat ta' Qbid esekutiv numru 486/62, maħruġ minn dina l-Qorti fis-7 ta' Diċembru, 1962, fuq talba tal-konvenut Fenech, il-Marixxall esekutant qabad

mid-dar konjugali tagħha u tal-konvenut George Farrugia l-oġġetti mobbli indikati fl-anness dokument "A" u dan bħala rahan ta' dejn li l-istess George Farrugia għandu lejn il-konvenut Fenech; u illi l-oġġetti kollha hekk maqbuda huma ta' proprjetà esklusiva tagħha, li apportathom b'dota fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut George Farrugia *titlob* illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u premessa d-dikjarazzjoni li l-oġġetti kollha maqbuda mill-Marixxal esekutant huma ta' proprietà esklusiva tagħha tiġi minn dina l-Qorti ordnata r-revoka ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi Mandat ta' Qbid numru 486/62 in kwantu l-istess esekuzzjoni tolqot l-oġġetti msemmija ta' proprjetà tagħha. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Ikkunsidrat:—

Illi mill-provi jirriżulta soddisfaċentement li l-oġġetti mobili ndikati fid-dokument "A" li ġew elevati bil-mandat indikat fiċ-ċitazzjoni huma ta' proprjetà ta' l-attriċi, billi din kienet akkwistathom qabel ma żżewġet lil konvenut George Farrugia u apportathom fl-okkażjoni ta' dan iż-żwieġ tagħha miegħu. Għalhekk id-domanda ta' l-attriċi hija ġustifikata.

Illi rigward l-ispejjeż tal-kawża, bħalma tajjeb ġie minnu sottomess, il-konvenut Joseph Fenech ma għandu jbati ebda parti minnhom, u l-istess spejjeż għandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenut George Farrugia. Infatti, hija regola kostanti li fil-ġudizzju ta' revoka ta' esekuzjoni ta' mandat ta' elevazjoni, promossi mill-proprjetarji tal-mobili elevati, meta ma jikkonstatax minn "dolo" jew "colpa" ta' esekutant, — u fil-każ taħt konsiderazzjoni din iċ-ċirkostanza ma ġiet b'ebda mod konstatata fil-konvenut Joseph Fenech — l-ispejjeż ġudizzjarji fir-rapport tiegħu għandhom jiġu supportati mid-debitur esekutat (Vol. XXIV, i, 242). Del resto, huwa raġonevoli li għandu jkun hekk, għaliex il-kreditur, li fl-eserċizju tad-

dritt tiegħu leġittimu jesperimenta azzjoni li tikkompeti lilu skond il-liġi, ma għandux jissopporti spiża li bħala regola mhix ħlief aċċessorju tad-debitu, kawża tal-istess spejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi skond id-domanda, billi għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni tordna r-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid indikat fl-istess ċitazzjoni in kwantu l-istess esekuzjoni tolqot l-oġġetti msemmija ta' l-attriċi ndikati fid-dokument "A" fol. 5 tal-proċess. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenut George Farrugia.